# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 131/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Fabian Fleri)

vs

**Ahmed Gosibat**

iben Taher , imwieled Libja, fid-29 ta' Lulju, 1969, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 35110(A)

Illum, 7 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Ahmed Gosibat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

**(1)** Talli gewwa San Gwann fil-lejl ta' bejn it-28 u id-29 ta' Gunju, 2009, ikkommetta serq mill-ufficini tal-kumpannija 'Cyberpass' sitwata gewwa Triq il-Qasab, San Gwann, liema serq huwa kwalifikat bil-hin, bil-mezz, u bil-valur li tiskorri 2,239.37 Euro, u dan sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-imsemmija kumpannia u/jew persuni ohra;

**(2)** Talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri 116.47 Euro, u li saret ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpannija "Cyberpass" u/jew persuni ohra;

**(3)** Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ha pussess ta', ghamel hsara fi jew qered xi computer, sistema ta' computer, computer newtork jew provvisti ta' computer li jintuzaw jew huma mahsubin li jintuzaw f'xi computer, sistema ta' computer jew computer network jew hassar it-thaddim ta' xi wiehed minnhom;

**(4)** Talli nhar id-29 ta' Gunju, 2009 ghal habta tal-11:00 ta' fil-ghodu waqt li kien Bahar ic-Caghaq ma' obdiex l-ordnijiet moghtija lilu mill-Pulizija jew ma' halliex jew fixkel diversi ufficjali tal-Pulizija waqt li kienu jaghmlu d-dmrijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita' kienu ghamlu u dan ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**(5)** Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra is-Surgent tal-Pulizija 746 Geoffrey Attard McCarthy u tal-Kuntistabbli 337 Mark Anthony Mercieca, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi minn awtorita' kompetenti;

**(6)** Il-Qorti giet gentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imsemmi Ahmed Gosibat b'obligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus skont l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli, tapplika fil-konfront tal-hati l-ordni ta' protezzjoni favur id-diretturi tal-kumpannija Cyberpass is-sur Tony Farrugia u s-sur Jeffrey Farrugia kif ukoll l-impjegati tal-istess kumpannija u dan ai termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.".

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Marzu, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-

rat l-artikoli 261(b), (c), (d), (f), 263, 264, 267, 268(a) u (d), 270, 278(3), 279(b), 280(2), 325(1)(a) u (b), 467(4), 525, 337D(b), 337F, 338(ee) u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ma sabitx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kontemplati fl-artikoli 261(b), (c), (d), (f), 263, 264, 267, 268(a) u (d), 270, 278(3), 279(b), u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk illiberatu minnhom, bl-applikazzjoni tal-Artikoli 467(4) u 525 tal-Kapitolu 9, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni kontemplata fl-Artikolu 325(1) pero taht is-subinciz (1)(b) u mhux taht is-subinciz (1)(a), kif ukoll sabitu hati tal-imputazzjonijiet kontemplati fl-Artikoli 337D(b), 337F u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kkundannatu ghall-piena karcerarja ta' sena (1), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghall-piena ta' hlas ta' multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u sebghin Euro (€75.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-tnejn (2) ta' Mejju, 2014, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Ai termini ta' l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti ordnat lill-hati, ihallas is-somma ta' tlett mija u sebgha u hamsin Euro u hamsin centezmu (€357.50) lis-socjeta' Cyberpass Limited fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, rapprezentanti d-danni sofferti mill-istess socjeta' sabiex issewwi l-bibien sgassati.

Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqos li jhallas lill-parti offiza l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq.

Rat ir-rikors tal-appellant Ahmed Gosibatipprezentat fit-28 ta' Marzu, 2014 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha :

(1) timmodifika s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-21 ta' Marzu, 2014 fl-ismijiet fuq premessi fis-sens li dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara l-esponent Ahmed Gosibat mhux hati tal-imputazzjonijiet kontemplati fl-artikolu 325(1)(b), 337D(b) u 337F u 338(ee) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tordna l-liberazzjoni tar-rikorrent minn kull htija u piena; u
(2) f'kaz li ma tintlaqax l-ewwel talba jew parti minnha, timmodifika s-sentenza fis-sens li l-piena imposta tigi mibdula f'piena kalkolata skont il-parametri legali relattivi jew f'piena anqas iebsa tenut kont ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz;

(3) timmodifika s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-21 ta' Marzu, 2014 fl-ismijiet fuq premessi fis-sens li dina l-Onorabbli Qorti tirrevoka l-ordni ta' hlas tas-somma ta' tlett mija u sebgha u hamsin Euro u hamsin centezmu (€357.50) lis-socjeta' Cyberpass Limited rapprezentanti d-danni allegatament sofferti mill-istess socjeta' sabiex isewwi l-bibien sgassati.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

(1) Rigward il-htija kontemplata taht l-artikolu 325(1)(b), l-esponent umilment jissottometti li hu ma setax jinstab hati ta' dan l-artikolu billi hu kien akkuzat taht artikolu iehor cioe' l-atikolu 325(1)(a). Madankollu l-ewwel qorti gustifikat id-decizjoni taghha fuq l-argoment li s-subinciz (b) huwa kompriz u involut fis-subinciz (a) u infatti fid-decizjoni taghha l-istess l-ewwel qorti invokat l-artikoli 467(4) u 525 tal-Kapitlu 9. Bl-akbar rispett, il-posizzjoni legali ma hix daqshekk semplici. Skont l-artikolu 525 (3) huwa provdut inter alia li d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) sa (4), it-tnejn inklużi, tal-artikolu 467 igħoddu wkoll għall-Qorti tal-Maġistrati fil-każijiet ta' kompetenza tagħha bħala qorti ta'ġudikatura kriminali taħt l-artikolu 370(1) biss. Huwa minnu li l-artikolu 467 ikompli jaghmel riferenza generali "taħt xi dispożizzjoniet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra", izda fil-fatt kazijiet bhal dak tal-lum jaqghu taht l-attikolu 370(3) jigifieri din il-procedura hadet l-iter taghha wara l-prezentata mill-Avukat Generali tan-Nota relattiva tar-rinviju tal-31 ta' Dicembru, 2009 u wara li l-esponent iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja. Jigiferi l-ewwel qorti ma

ghandhiex il-fakolta’ kif ghandhom il-Gurati meta dawn jaghtu l-verdett taghhom, liema fakolta’ tintuza biss f’certi cirkostanzi limitati u dana b’registrazzjoni solenni tar-raguni relattiva.
Huwa naturali li meta l-esponent irregistra li ma kellux oggezzjoni, huwa kien qed jaghmel hekk abbazi tal-atti li kellu quddiemu kompriz s’intendi l-imsemmija Nota ta’ rinviju li fiha hemm imsemmija biss is-subinciz “325(a)” (sic.) u mhux s-subinciz “325 (1) (b)”. B’ din il-parti tad-decizjoni tal-ewwel qorti, l-esponent gie mqieghed f’posizzjoni procedurali zvantaggata ghall-ahhar li m’ghandhiex tigi tolerata, altrimenti akkuzat li minghalih qed jirregistra ai termini tal-370(3) li m’ghandhux oggezzjoni jitkomplu l-proceduri relattivi abbazi tar-rinviju ikun qed jigi sorpriz b’sejbien ta’ htija bbazata fuq artikolu li lanqas kien qed jigi diskuss fid-difiza tieghu.
Li messha ghamlet l-ewwel qorti kien jew tillibera lill-esponent mill-akkuza maghmul taht l-artikolu “325(a)” (Recte: 325(1) (a)) jew twaqqaf il-proceduri minnufih u terga’ tistaqsi jekk l-akkuzat ghandux oggezzjoni bid-differenza li tistaqsih ghandux xi oggezzjoni tigi trattata u deciza l-akkuza kif korretta bil-procedura sommarja.

F’dan il-kaz biex twaqqa’ l-akkuza kien ikun bizzejjed il-prova li l-ammont tal-hsara ma kienx izjed minn 1,164.69 Euro u fil-mankanza ta’ non-oggezzjoni taht il-370(3) biex tigi diskussa l-htija o meno taht akkuza korretta l-ewwel qorti kienet fid-dmir tillibera l-esponent mill-akkuza kif dedotta.

(2) Rigward il-htija kontemplata taht l-artikolu 337 D(b) u 337F, (cjoe it-tielet (3) akkuza) bl-akbar rispett lejn l-ewwel Qorti, d-decizjoni taghha hija kontradittorja ghar-rizultanzi li l-esponent ma ghamel l-ebda “hsara” fl-apparat jew jew “qered” l-istess. Li rrizulta biss huwa li l-esponent ha l-mera pussess ta’ parti mill-hardware u li kif tajjeb oservat mill-ewwel qorti, l-esponent halla intatt s-sistema relattiva. Infatti irrizulta car li l-esponent kien selettiv fl-ghazla tal-apparat li ha mill-ufficini in kwistjoni u in fatti l-main server baqa’ f’postu u ma ngab l-ebda prova li l-esponent b’xi mod ha l-pussess tas-sistema tan-network u/jew software u/jew data. Effettivament kulma ghamel l-esponent kien li ha xi apparat u halla s-sistema intatta.

Dan l-istat ta’ fatt ma jaqax la fil-parametri litterali u lanqas fl-ispirtu tal-artikolu 337D(b), u l-komponenti tal-artikolu imsemmi kif imfissrin fl-artikolu 337B(1) ma jaghtux x’tifhem li t-tehid

kif fuq deskritt jammonta ghar-reat kontemplat fl-artikolu 337D(b). Ghalhekk isegwi li l-esponent ma kellux jinstab hati taht l-artikolu 337D(b) u konswegwentement lanqas taht il-337F. Dan qed jigi umilment sottomess bhala aggravju billi huwa principju fondamentali tas-sistema nostrana li hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew omissjoni li, fil-hin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bhal dak. Il-principju kostituzzjonali u insindikabbli ta' certezza tal-ligi jeghleb kull incertezza li hemm rigward id-dipost tal-artikolu 337D(b). Di piu' jigi rilevat li anki l-ewwel qorti ma kienitx certa dwar it-tifsira tal-artikolu 337D(b) billi din irrikorriet ghall-'marginal note' li tghid "uzu mhux dovut ta' hardware" biex tiddermina jekk l-incident ippruvat jaqax fil-kliem tal-artikolu 337D(b).
Bla pregudizzju ghall-fuq inghad id-decizjoni relattiva hija non sequitor billi l-osservazzjonijiet u konsiderazzjonijijet tal-ewwel Qorti relattiva ghal din il-parti tas-sentenza jindikaw konkluzjoni liberatorja izda minflok li ghamlet hekk l-ewwel qorti dikjarat lill-esponent hati tal-akkuza.

(3) Rigward il-htija kontravenzzjonali kontemplata taht l-artikolu 338(ee), l-esponent umilment jissottometti li hu ma setax jinstab hati tal-akkuzi relattivi cioe it-raba' (4) u l-hames (5) akkuzi. Irrizulta li l-esponent ma kienx segwit minn pulizija wiehed imma minn numru ta' pulizija, armati sija bir-revolver u it-tazer. Ghamel x'ghamel l-esponent (li f'dak il-mument kien hdejn il-White Rocks f'San Giljan u ma kienx taht xi arrest ghaliex il-Pulizija li bdew jigru wara l-esponent kienu ghadhom mhux informati bl-incident li sehh f'San Gwann) huwa naturali li ikollu biza' kbira minn grupp ta' irgiel uhud minnhom jisparaw bir-revolver u armati bit-taser. Huwa umilment sottomess li r-regola ta' 'proportionality' japplika anki f'kazijiet ta' arrest u jekk il-membri tal-Pulizija bil-presenza taghhom ecceddew il-limiti ta' proportionality, allura isegwi li l-esponent ma kellux jinstab hati taht l-artikolu 338(e).

(4) F'kaz li jintlaqa' tnejn mill-aggravji fuq imsemmija isegwi li ma jikkonkorrux l-elementi kontemplati mill-artikolu 17(d) tal-Kapitlu 9. Dan l-artikolu huwa s-subinciz relattiv ghac-cirkostanza meta persuna tinstab hatja ta' delitt wieħed jew aktar u ta'kontravvenzjoni waħda jew aktar.

(5) Minghajr pregudizzju ghall-fuq espost, il-piena hija eccessiva. L-ewwel qorti stabbilit piena karcerjarja sospiza ghall-erba' snin u hlas rateali ta' multa ta' 2,500 Euro u dana abbazi tal-

allegat hsara, allegat computer misuse u l-allegat kontravenzjoni, jigifieri zewg reati u kontravenzjoni. F'dan ir-rigward l-esponent umilment jirriferi ghal-artikolu 17(d) li jipprovdi li f'cirkostanzi bhal dawn (li huma kontestati kif fuq inghad) il-persuna ħatja ghandha tiġi ikkundannata biss għall-piena stabbilita għad-delitt jew għall-piena li jkun imissha tingħata lill-ħati minħabba l-konkors ta' aktar minn delitt wieħed skont ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi ta' qabel dan, jekk il-piena li jmissha tingħata għad-delitti ma tkunx anqas minn tliet xhur priġunerija. L-artikolu 325(b) jikontempla l-piena karcerarja minn ħames xhur sa sena mentri l-artikolu 337F jikkontempla multa ta' mhux iżjed minn 23,293.73 Euro jew priġunerija għal żmien mhux iktar minn erba' snin, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien. Ladarba huwa stabbilit kif fuq inghad li ma kien hemm l-ebda hsara fl-apparat, u dato ma non concesso l-incident jaqa' fil-parametri tal-artikolu 337D(b), huwa umilment sottomess li l-piena relattiva ghandha tkun dik minima. Ai termini tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 9 il-minimum possibbli ta' multa hija 23.29 Euro. Illi ghalhekk isegwi li ghall-finijiet tal-artikolu 17, l-ewwel Qorti kellha tasal ghall-piena abbazi tal-parametri tal-artikolu 325(b) li ghandha minimum oghla minn dik kontemplata mill-artikolu 337F.
Ghalhekk isegwi li l-ewwel qorti ghamlet hazin meta eccediet il-parametri legali u imponiet fuq l-esponent piena karcerarja ta' sena u sospiza ghal 4 snin flimkien ma' hlas ta' multa ta' 2,500 Euro.

(6) Minghajr pregudizzju ghall-aggravvji fuq imsemija, l-ewwel qorti ma kellha l-ebda dritt tistabbilixxi ammont ta' kumpens minghajr ma sommarjament semgħet lill-partijiet, jew ghalinqas tistiedinhom jaghmlu sottomissjonijet rispettivi fl-istadju opportun ai termini tal-artiklu 28H(3).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda t-tieni akkuza migjuba kontra l-appellant dik li hu ghamel hsara lill-hwejjeg, mobbli jew immobbli, tal-kumpanija hawn fuq imsemmija.  Ghar-rigward ta' din l-akkuza l-Avukat Generali ndika l-artikolu 325(a) tal-Kodici Kriminali.  Dan l-artikolu tal-ligi ma sibtx riskontro fil-Kodici Kriminali.  L-appellant sejjes l-aggravju tieghu fuq il-punt li l-ewwel Qorti sabet htija skont l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali.  Id-difiza ntebhet  bl-izball li hemm fin-nota tal-Avukat Generali tal-31 ta' Dicembru, 2009 misjuba a fol. 161 tal-process izda ma ghamlet ebda kumment in materja.  Hu car li skont il-procedura penali l-Avukat Genrali ghandu jkun preciz meta jindika l-artikoli tal-ligi li bihom tkun akkuzata persuna.  Ma saret ebda talba biex dan l-izball jigi sanata.  Ghalhekk, hu car li f'dawn ic-cirkostanzi l-appellant ma jistax jinstab hati tat-tieni akkuza u ghalhekk ghandu jigi liberat minn tali akkuza.

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda t-tielet akkuza migjuba kontra l-appellant.  Din il-Qorti fliet sew is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u hi perplessa ghaliex bir-ragunament tal-ewwel Qorti l-appellant kellhu jinheles minn din l-akkuza.  Din il-Qorti regghet fliet l-artikolu 337D(b) u min kif inhu redatt dan l-artikolu tal-ligi hu car li l-appellant qatt ma setgha jinstab hati billi ma saret ebda hsara jew ittiehed pussess ta' sistema ta' computer jew computer network ghas-semplici fatt li s-socjeta' msemmija kompliet normalment bl-operat taghha.  Ghalhekk, dan l-aggravju ghandu jigi milqugh.

Illi t-tielet aggravju li jirrigwarda l-htija misjuba a bazi tal-artikolu 338(e) tal-Kodici Kriminali li taht l-ebda cirkostanza ma jista' jigi milqugh u ghalhekk hu michuda.

Ghaldaqstant, tikkonferma l-liberazzjoni dwar l-ewwel akkuza migjuba kontra Ahmed Gosibat. Tilqa l-appell ta' l-istess appellant dwar it-tieni u it-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.  Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellant minn kull htija u piena.  Tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament.  Dwar il-piena.  Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tikkundanna lill-appellant ghal hlas ta' ammenda ta' tmienja u hamsin (€58) euro.